



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tal-14 ta' Settembru 2017 – Università del Salento vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-393/15)

“Klawżola ta' arbitraġġ – Programm ġenerali ‘Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja’ – Programm speċifiku ‘Ġustizzja Kriminali’ – Irkupru ta' somom imħallsa mill-Kummissjoni b'eżekuzzjoni ta' ftehim ta' sussidju – Tpaċija ta' djun – Klassifikazzjoni mill-ġdid parzjali tar-rikors – Talba intiża li tiġi kkonstatata l-ineżistenza ta' dejn kuntrattwali”

1. *Proċedura ġudizzjarja – Kawża mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali abbażi ta' klawżola ta' arbitraġġ – Ftehimiet ta' sussidju konklużi fil-kuntest ta' programm speċifiku fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u tal-ġustizzja – Deċiżjoni dwar paċija extraġudizzjarja bejn djun u krediti adottata mill-Kummissjoni fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1605/2002 – Rikors intiż għall-annullament ta' din id-deċiżjoni u għall-konstatazzjoni tal-ineżistenza tal-imsemmija krediti – Klassifikazzjoni mill-ġdid parzjali tar-rikors għal annullament bħala rikors dwar tilwima ta' natura kuntrattwali – Kundizzjonijiet*

(Artikoli 263 TFUE u 272 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 76(d); Regolament tal-Kunsill Nru 1605/2002)

(ara l-punti 26-29, 31-34)

2. *Proċedura ġudizzjarja – Bażi legali ta' rikors – Għażla mogħtija lir-rikorrent u mhux lill-qorti tal-Unjoni*

(ara l-punt 30)

3. *Rikors għal annullament – Ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni – Talbiet intiżi li tinkiseb sentenza dikjaratorja – Inammissibbiltà*

(Artikolu 263 TFUE)

(ara l-punt 68)

4. *Proċedura ġudizzjarja – Rikors promotur – Rekwiżiti formali – Identifikazzjoni tas-suġġett tat-tilwima – Espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati – Formulazzjoni inekwivokabbli tat-talbiet tar-rikorrent*

(Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 21; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 76(d) u (e))

(ara l-punti 74-77)

5. *Kummissjoni – Kompetenzi – Implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni – Irkupru tal-kreditu permezz ta' tpaċija – Kundizzjonijiet – Kreditu paċuti marbuta mal-istess proġett – Assenza – Obbligu preliminari li jiġu żgurati l-użu tal-fondi kkonċernati għall-finijiet previsti u t-twettiq tal-azzjonijiet li ġġustifikaw l-għoti tal-imsemmija fondi minkejja t-tpaċija ppjanata – Assenza*

(ara l-punti 107, 108)

6. *Atti tal-istituzzjonijiet – Motivazzjoni – Obbligu – Portata – Deċiżjoni li tidħol f'kontest magħruf mid-destinatarju*

(Artikolu 296 TFUE)

(ara l-punt 112)

Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża, l-ewwel nett, għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni D/C4 – B.2 – 005817, tal-4 ta' Mejju 2015, li permezz tagħha twettqet tpaċija bejn ammont dovut lir-rikorrenti fir-rigward tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt fil-kuntest tal-ewwel proġett, Entice (Explaining the Nature of Technological Innovation in Chinese Enterprises), u dejn tar-rikorrenti fir-rigward tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt fil-kuntest tat-tieni proġett, intitolat "Judicial Training and Research on EU crimes against environment and maritime pollution", it-tieni nett, għall-annullament ta' kull att ieħor preċedenti, sussegwenti jew, fi kwalunkwe każ, konness ma' din id-deċiżjoni u, it-tielet nett, sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata tħallas lir-rikorrenti l-ammonti dovuti lilha b'eżekuzzjoni tal-proġett Entice u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża li tiġi kkonstatata l-ineżistenza tad-dejn invokat mill-Kummissjoni fir-rigward tal-eżekuzzjoni tat-tieni proġett.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Università del Salento hija kkundannata għall-ispejjeż.